MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 11

Il-Ħamis, 12 ta' Marzu, 2020

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fil-17:00.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Ġorġ Camilleri – Kunsillier
Joseph Cauchi – Kunsillier

Etienne Cauchi – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

SKUŻATI:

Carmela Grima – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Deputat Seġretarju Eżekuttiv

## 11.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

11.1.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa nr. 10 li kienu meqjusa moqrija.

11.1.2 Il-minuti tal-laqgħa ġew approvati.

## 11.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

11.2.1 Is-Sindku qal li l-vakanza ta' Assistant Principal imtliet mis-Sinjura Loretta Cauchi u diġa' bdiet tiġi għax-xogħol.

11.2.2 Minħabba s-sitwazzjoni kurrenti tal-COVID-19, l-attivitajiet li kellna ppjanati kellna nħassruhom fosthom l-attivita' *Dwejra – Looking Beyond*. Hawnhekk is-Sindku ssuġġerixxa illi ċ-Ċentru tad-Dwejra jingħalaq temporanjament u l-attendant tirrapporta l-Kunsill sabiex tgħin fl-uffiċċju. Wara diskussjoni, il-Kunsill Lokali qabel li għandu jsir hekk.

11.2.3 Il-Kunsill iddeċieda illi għalissa s-servizz tal-posta ħa nżommuh iżda lin-nies ninfurmawhom sabiex iġibu l-flus bl-eżatt.

11.2.4 Fid-dawl taċ-ċirkustanzi ta' bħalissa u li l-iskejjel ingħalqu, is-Sindku sseġġerixxa li għandna nqabbdu lil xi ħadd sabiex jibda jagħmel il-qari għat-tfal u nagħmlu *live streaming* fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill. B'hekk, it-tfal ikunu jistgħu ikomplu l-interazzjoni tagħhom għall-qari sakemm tibqa' magħluqa l-iskola. Il-Kunsill qabel ma' din l-idea.

11.2.5 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi tkellimna ma xi suppliers dwar l-Electric Van u l-Electric Bicycles. Huwa qal illi għall-van ser nerġgħu nitolbu lid-Direttur għall-Gvern Lokali sabiex jagħtuna permess noħorġu direct order. Is-Sindku qara l-ispecifications tal-van lill-Kunsill sabiex kulħadd ikun infurmat kif ser tkun. Kien hemm diskussjoni u kien hemm qbil li għandna mmexxu bihom.

11.2.6 Irċevejna ittra mingħand il-Pulizija dwar il-ħlas li qed jitolbu għas-servizzi li kienu saru ġewwa San Lawrenz waqt li kien għaddej ix-xogħol ta' Miżura 4.3. Il-Kunsill Lokali kien sab problema sabiex iħallas tali kont peress li t-trakkijiet li kellhom jitwaqqfu mill-Pulizija sabiex ma jgħaddux, għaddew xorta. Għalhekk tkellimna mal-Avukat tal-Kunsill sabiex jara kif ser nirrispondu din l-ittra.

11.2.7 Is-Sindku semma l-Karnival u qal li morna tajjeb ħafna. Huwa ġibed l-attenzjoni ta' suġġerimenti li saru mill-membri tal-ġurija li fost l-oħrajn issuġġerew illi għal sena oħra tajjeb li l-iscript tal-karrijiet jingħata lill-ġurija ukoll.

11.2.8 Id-DSE spjegat illi d-DPO beda x-xogħol tiegħu fil-Kunsill Lokali u wara laqgħa li kellu mas-Segretarju Eżekuttiv Sarah Formosa, huwa talab sabiex il-Kunsill jiddeċiedi dwar kemm-il sena għandhom jinżammu l-Kunsill dawk id-dokumenti li jkun fihom dettalji tan-nies u li ma

jkunux ta' importanza għal Kunsill jew ta' storja tal-Kunsill. Wara diskussjoni, il-Kunsill talab sabiex ikun jaf liema dokumenti eżatt ser ikunu jaqgħu taħt din id-deċiżjoni.

11.2.9 Is-Sindku semma li kien hemm talba sabiex il-Kunsill jgħin lin-nursery tal-football biex iħallas minibus għall-attività li saret f' Malta. Kien hemm qbil li ngħinu.

## 11.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

11.3.1 Il-Kunsillier Joseph Cauchi staqsa dwar il-cable li kellhom jgħaddu l-Enemalta minn Triq Wileġ. Is-Sindku wieġeb illi għandna nerġgħu inkellmuhom u nqajjmu din il-materja waqt il-laqgħa li għandna għada mal-Ministru għal Għawdex.

11.3.2 Il-Viċi Sindku ġibel l-attenzjoni illi l-ilma ta' fejn iċ-ċimiterju reġa' beda ħiereġ. Il-Kunsillier Ġorġ Camilleri qal li tas-Sanita' għandhom jidħlu responsabbli. Is-Sindku wieġeb illi peress li dik hija triq tal-Gvern Ċentrali, huwa kiteb lis-Sur Lorry Apap u avżah dwar dan.

## 11.4 BOQ taċ-Ċentru Ċiviku

Is-Sindku qal illi l-Perit Shawn Micallef kellu jlesti l-pjanti u l-BOQs sal-lum iżda ma laħaqx.

## 11.5 L-użu tal-ex Child Care Centre

Is-Sindku tkellem ma' Vitor il-handyman sabiex jirranġa l-kamra li kienet tintuża għal *Child care Centre* sabiex il-Kunsill ikun jista' jagħmel użu aħjar minn dan il-post, fost l-oħrajn li jinkera għall-konferenzi u attivitajiet oħra. Peress li l-Handyman juża dan il-post ukoll biex ipoġġi l-għodda ġie ssuġġerit li l-kamra li l-Kunsill fil-passat kien ta lil tal-football, peress li issa l-istess club għandu kamra oħra u akbar fl-iskola, din il-kamra tiġi ritornata lura jew isir użu tagħha miż-żewġ entitajiet. Is-Sindku qal li ser ikellem lil tal-futbol dwar din il-proposta.

## 11.6 Upgrading ġenerali tal-librerija

Is-Sindku qal li għandna naraw kif nsibu fondi sabiex nestendu s-servizz tal-librerija u wkoll naġġornawh billi nagħmlu upgrading tal-post. Huwa ssuġġerixxa wkoll li sabiex nagħmluha aktar faċli li aktar nies jużaw il-librerija għandna naraw kif noħolqu sistema fejn il-ktieb jitwassal għand dawk li ma jistgħux jattendu fiżikament il-librerija.

## 11.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 11.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fis-18:00 u sar qbil li l-laqġħa li jmiss issir il-Ħamis 16 ta' April 2020 fil-17:00.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Noel Formosa<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |